

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

15782/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0033 (NLE)

MOG 89
IRAQ 12
CFSP/PESC 1155

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni,
f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra,
sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja
mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100, 207 u 209, flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fil-11 ta' Mejju 2012.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim għandha tiġi maqbula permezz ta' protokoll (il-"Protokoll"). Għal tali adeżjoni jenħtieġ li tapplika proċedura ssimplifikata, li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-pajjiż terz ikkonċernat.
- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni. In-negozjati mar-Repubblika tal-Iraq ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Protokoll fl-24 ta' Awwissu 2016.
- (4) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/...¹* il-Protokoll ġie ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi ...^{**}, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/... ta'... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L..).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' publikazzjoni tad-dokument st 15781/17.

** ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 5(1) tal-Protokoll.²

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fi [ir-referenza tal-ĠU] flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.